V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.7030 – TPG Opportunities/CaixaBank/Servihabitat)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 292/03)

1. Fis-27 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha TPG Opportunities, LP ("TPG Opportunities", l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn TPG Group, flimkien ma' CaixaBank, SA, ikkontrollata minn Caixa d'Estalvis I Pensions de Barcelona ("La Caixa", Spanja), takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Servihabitat Gestion Immobiliaria, S.L.U ("Servihabitat", Spanja) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TPG Opportunities hija membru ta' TPG Group, kumpanija globali ta' investiment privat li tmexxi familja ta' fondi, li jinvestu f'firxa ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv,

— Caixabank huwa bank ikkontrollat minn la Caixa, l-entità prinċipali ta' livell ogħla ta' la Caixa ("il-Grupp la Caixa"). Caixabank imexxi fi ħdan il-Grupp la Caixa grupp finanzjarju integrat b'attivitajiet ta' fondi bankarji, tal-assigurazzjoni, tal-pensjonijiet u tal-investiment li jopera prinċipalment fi Spanja bi preżenza internazzjonali relevanti miksuba permezz ta' alleanzi strateġiċi ma' gruppi finanzjarji kbar kif ukoll b'netwerk ta' uffiċċji ta' rappreżentanza u fergħat operattivi f'diversi pajjiżi tal-UE u pajjiżi mhux tal-UE,

— Servihabitat, li bħalissa huwa proprjetà ta' CaixaBank, jipprovdi attivitajiet ta' servizzi relatati mal-proprjetà.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7030 – TPG Opportunities/CaixaBank/Servihabitat, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË